# EREMITAĠĠI U EREMITI F'MALTA?

*minn Patri George AQUILINA O.F.M.*



L-istudji dwar dan is-suġġett mhumiex spissi. Għal Malta dan hu suġġett ġdid. Neħħi xi referenza fil-bogħod, x'aktarx li lanqas biss ma jitqies li għandna għalfejn inħabblu moħħna dwaru. Din il-kitba hi biss tentattiv bla ebda pretensjoni, bil-għan li wieħed jasal jiddiskuti jekk dan il-fenomenu inħassx fil-gżejjer tagħna wkoll. Jekk il-leġġendi għandhomx imqar nitfa' verita` storika. Jekk verament il-leġġendi humiex bħal dik il-bizzilla li ddawwar biċċa drapp sempliċi u żżejjinha. Il-verita` storika, l-biċċa drapp, jistħoqqilha aktar attenzjoni bħala l-element ewlieni li madwaru nħolqu l-leġġendi.

F'dawn l-aħħar snin, l-istudjużi tagħna tawna tagħrif ġdid dwar ġrajjiet li seħħew fis-seklu XV, anqas dwar is-seklu XIV, żmien li nqisuh bħala l-medjuevu tardiv, u kważi xejn dwar iż-żmien ta' qabel, neħħi l-ftit li ilna nafu bih. Barra l-monumenti fil-ġebel, li ż-żmien u n-nies ma rnexxielhomx jeqirdu għal kollox, dokumenti miktubin, hawn Malta ma jeżistux. Dak li nafu, jinsab l-aktar fl-arkivji barranin.

Il-gżejjer Maltin, issa jew imbagħad, minn dejjem kellhom x'jaqsmu ma' Sqallija, hekk qrib ta' xulxin u kienu taħt l-istess ħakkiema, ċivili u ekkleżjastiċi. Biex insibu l-medjuevu tagħna, forsi aktar minn żminijiet oħra li dwarhom id-dokumenti ma jonqsux, irridu bil-fors nistudjaw x'ġara fi Sqallija, biex imbagħad ma' l-istess ġrajjiet inqabbdu l-ħjiel storiku jew leġġendarju li għandna. Dan mhux faċli. Imma nqisu bħala bidu li jista' jitfagħlna imqar nitfa' dawl fiż-żmien li dwaru nafu ftit wisq.

B'eremita, bla ma wieħed ifittex kemm-il tifsira tingħata lil din il-kelma, fil-kultura tagħna 'latina' jitqies dak l-individwu li jgħix x'aktarx għalih waħdu u f'imkejjen 'il bogħod min-nies, f'ħajja mogħtija lil Alla, fit-talb u l-penitenza. Illum il-Kodiċi tal-Liġi Kanonika, meta dan jitkellem minn "Istituti ta' Ħajja Kkonsagrata u Soċjetajiet ta' Ħajja Apostolika", fil-kanone 603, jiddeskrivi din ix-xorta ta' ħajja bħala dik il-forma ta' ħajja kkonsagrata aktar iebsa li biha l-fidili jinqatgħu mid-dinja u fis-silenzju tas-solitudni jgħaddu ħajjithom fit-talb u fit-tifħir lil Alla. L-eremita, jingħad fl-istess liġi, huwa meqjus bħala mogħti lil Alla, kkonsagrat, jekk għandu l-voti jew xi forma ta' rabta qaddisa, u jekk pubblikament jagħmel il-professjoni, f'idejn l-isqof djoċesan li taħt il-ħarsien tiegħu jgħix il-forma ta' ħajja li wiegħed.

Din ix-xorta ta' ħajja - ta' eremiti fl-eremitaġġi - fi Sqallija kienet, sa minn żminijiet imbiegħda, komuni ħafna,[1] imma bla ma nitkellmu, almenu għalissa, fuq id-diversita` ta' dan il-fenomenu, ngħidu li fi ħdan it-Tielet Ordni Franġiskan, insibu bosta minn dawn l-eremiti, li xi wħud minnhom waslu sa l-ogħla quċċata tal-qdusija u l-Knisja tagħrafhom bħala



*Il-Kappella ta' San Pawl l-Ewwel Eremita kif tidher bil-mod pittoresk tagħha fil-għar qalb il-blat ta' Wied il-Għasel - faċċata taż-żona ta' Santa Margerita.*

qaddisin u beati. Fost dawn insemmu lil San Kurradu Confalonieri, minn Piacenza, magħruf sew fi Sqallija u l-qaddis patrun ta' Noto. Dan il-qaddis, li għex bejn tmiem is-seklu XIII u l-bidu tas-seklu XIV, ġie mdaħħal fil-leġġenda Maltija wkoll.

L-istoriċi Franġiskani, ibda minn Wadding (+1685),[2] ma jonqsux milli jitkellmu dwar dan il-bniedem li, milli jidher, kien magħruf u miġjub sew. Wadding, barra mid-dokumenti, *Bullae* uffiċjali tal-beatifikazzjoni u l-kanonizzazzjoni ta' dan l-eremita u pellegrin, jagħmel użu minn żewġ manuskritti miktubin mill-ħabib tiegħu *(amicus noster)* Petrus Maria Campus,[3] u mill-kittieba Sqallin, Fasellus u Maurolicus.[4] Il-kittieba kollha ta' warajh, Franġiskani u mhumiex, prattikament irrepetew dak li kiteb hu. Hekk għamel Pietr'Antonio di Venezia fl-1721, fl-edizzjoni riveduta tal-*Leggendario Francescano* ta' P. Benedetto Mazzara.[5] Opra li tagħha għandna traduzzjoni bl-għarbi f'erbgħa volumi fl-arkivju tal-Provinċja tagħna.[6] L-istess Pietr'Antonio fl-1710 kien tana stampa opra oħra li fiha għamel biss referenza qasira,[7] u oħrajn.

## Min kien San Korradu Confalonieri

Jingħad li twieled fi Piacenza fl-1290. Iżżewweġ lil Eufrosina minn Lodi. Waqt li darba kien għall-kaċċa, sar ħruq ta' bosk li hu kien il-ħtija tiegħu. Inħeba u minn floku kien ser jeħel bniedem ieħor. Kellu l-kuraġġ li jistqarr ħtijietu u ħallas b'ġidu u b'ġid martu d-danni li saru. Iżda wara li taw kull ma kien fadlilhom, hu ssieħeb ma' l-eremiti Terzjarji Franġiskani u martu daħlet mal-Klarissi ta' Piacenza. Kurradu, mogħti għat-talb u l-penitenza, ma damx ma kiseb il-fama ta' eremita qaddis, u n-nies bdiet tfittxu. Ħalla pajjiżu u erħielha lejn Ruma, pellegrin biex iżur l-oqbra ta' l-Appostli u tal-martri. Minn hawn telaq lejn Gaeta, minfejn fuq ġifen wasal fi Sqallija, magħrufa għall-eremitaġġi u l-eremiti tagħha. Minn Palermo wasal fil-wied ta' Noto, fejn għażel għalih post imwarrab li fih seta' jagħmel penitenza. F'Noto, ltaqa' ma' eremita qaddis ieħor, Guliermu Buccheri (beatu), li kien jgħammar fil-fdalijiet ta' kastell imġarraf magħruf bħala *le celle* fl-inħawi ta' Santo Crocefisso. Lanqas hawn in-nies ma ħallietu bi kwietu. Telaq u mar fl-għerien ta' Pizzone, tliet mili 'l bogħod minn Noto, fuq l-għoljiet li sa llum huma magħrufin bħala *i monti di San Corrado*. Wettaq bosta mirakli u n-nies bdiet tfittxu, fosthom l-isqof ta' Sirakuża. Ma kienx ħieles mill-attakki tax-xitan, li kien iġarrbu bis-sħiħ, u jidhirlu taħt kemm 'l għamla, bosta drabi bil-ħsieb li martu ħalliet il-monasteru u qed tgħix fil-periklu ta' ruħha. Miet nhar id-19 ta' Frar 1351, waqt li l-qniepen ta' Avola u Noto bdew idoqqu waħidhom. Hekk kienet fi ftit kliem il-ħajja ta' dan il-qaddis eremita.[8]

## Il-Leġġenda Maltija ta' San Kurradu

Minn Ruma, San Kurradu mar il-Palestina fejn żar l-imkejjen imqaddsa, u fi triqtu lura, l-ġifen li kien fuqu waqaf Malta u l-qaddis baqa' hawn, jgħix ta' eremit fl-għerien ta' Wied il-Għasel fl-inħawi tal-Mosta, u mhux il-bogħod mill-Knisja ta' San Pawl l-Ewwel Eremita. Minn hawn keċċewh u mar Kemmuna. Sar jaf li Għawdex, fl-inħawi tal-Qala, kien hemm eremit ieħor. Saru ħbieb, u kienu jmorru għand xulxin. Iżda billi ma kellhomx dgħajsa, kienu jaqsmu l-fliegu fuq il-mantell tagħhom stess. Malli dan l-eremit tal-Qala miet, Kurradu reġa' lura lejn Noto fi Sqallija, fejn miet. Dan hu dak li żiedu l-kittieba Maltin.[9]

Ta' min jistaqsi, x'hemm veru f'din il-leġġenda? L-ewwel storiku li jsemmi l-eremita ta' Wied il-Għasel huwa Ġann Franġisk Abela, bla ma jagħmel l-ebda referenza għal San Kurradu. Iżda jagħtina tagħrif importanti wkoll, għalkemm tardiv. Isemmi li hemm kien jgħix bniedem ta' ħajja qaddisa, bla ma jsemmi ismu.[10] Jgħid ukoll li minħabba li ċanfar lil xi ragħajja, kellu jitlaq minn hemm bil-baħar fuq il-mantell tiegħu stess, l-ewwel lejn Kemmuna u mbagħad lejn Għawdex. Għex ħajja qaddisa fil-knisja ta' Santa Marija tal-Qala, fejn miet u ndifen. Abela ma jgħidx minn fejn ġabu dan it-tagħrif.[11]

Bla ma wieħed jidħol f'ħafna irqaqat, tajjeb li niftakru li hawn għandna dawk l-elementi kollha aġjografiċi komuni għall-eremiti. Jgħixu f'għar, jikkomunikaw fil-bogħod min-nies, dawn ikunu spiss ta' xkiel għalihom, jekk mhux ukoll ta' tentazzjoni, jibdlu spiss il-post minħabba l-popolarita` li jiksbu għal qdusithom, u nsibuhom x'aktarx viċin xi knisja mwarrba. Il-għar ta' Wied il-Għasel qrib il-knisja ta' San Pawl l-Ewwel Eremita, kien post idejali għal din ix-xorta ta' ħajja.

Id-deskrizzjoni ta' Abela, żdiedet mill-Konti Giovannantonio Ciantar, 125 sena warajh, u fiha issa jissemma' San Kurradu, kif tkeċċa mill-Mosta u kif telaq fuq il-mantell, wara li ħabbar li l-gżira kellha



*L-artal tal-Kappella ta' San Pawl l-Ewwel Eremita mżejjen għall-'ewwel' festa wara r-restawr fl-1993. (ritratt: Ruben Chetcuti)*

tgħaddi minn kemm-il flaġell. Iżid li dan it-tagħrif kisbu mingħand l-isqof Mons. Leonardo Abela u minn kittieba antiki,[12] bla ma jgħid min huma. Il-probabilita` hi, li mat-tradizzjoni li qrib il-knisja ta' San Pawl, jekk mhux qabilha wkoll, kien jgħix eremita, u l-istess it-tradizzjoni li qrib is-Santwarju tal-Qala kien jgħix ieħor ukoll, inħolqot leġġenda mibnija fuq il-ħajja ta' San Kurradu Confalonieri.

Ta' min jinnota sew li l-Franġiskan Konventwal P. Filippo Cagliola, Malti, li kiteb l-istorja tal-Provinċja Franġiskana fi Sqallija u Malta, qabel Abela, filwaqt li kiteb dwar San Kurradu, *fl-Exploratio IV, Manifesto IV; Virorum, qui Sanctimonia illustres ex Tertio Poenitentium ordine hanc Provinciam ornarunt*, fuq il-konnessjoni tiegħu ma' Malta ma jgħid xejn. Li kieku kien hemm imqar l-iċken tradizzjoni dan l-istoriku ma kienx sejjer ma jsemmihiex.[13] Jgħid li minn Ruma, ma nafux kif, niżel Sqallija, u mar Noto.[14] Terġa', fil-vista pastorali ta' Mons. Dusina (1575) ma jingħad xejn anqas. Dwar il-knisja ta' San Pawl tal-Mosta, limiti tal-parroċċa tan-Naxxar, jingħad li kellha altar u bieb tal-injam, imma mneżża' għal kollox. Lanqas ma jingħad li San Pawl kien l-ewwel eremita. Hekk iwassalna niddubitaw jekk f'dan iż-żmien kienetx teżisti l-knisja li qed nirreferu għaliha aħna, u din ta' San Pawl li jsemmi Dusina kienetx xi oħra.[15] L-istess ngħidu dwar Santa Marija tal-Qala. Dusina fl-1575 sab biss knisja mitluqa, u parti minnha mġarrfa, hekk li pprofanaha. Dan, iżda, ma jfissirx li ma kienx hemm tradizzjoni, li qrib iż-żewġ knejjes fl-imgħoddi ma setgħax kien jgħix xi bniedem mogħti għat-talb u l-penitenza, f'ħajja solitarja. Iżda hu ċert li din il-ġrajja hi biss leġġenda.[16]

F'Santa Marija tal-Qala, l-leġġenda ta' San Kurradu Confalonieri tieħu sfumaturi oħra. Il-qaddis jissejjaħ bl-għawdxi: "San Kerrew", li minn Wied il-Għasel "telaq lejn Għawdex ..... wara li għadda minn Kemmuna, ġibed għal Ħondoq ir-Rummien, fejn qabad l-art u tala' lejn is-Santwarju ta' Santa Marija tal-Qala. Hemm ftit bogħod mill-kappella, f'daqsxejn ta' għar imħaffer ġo l-art, in-naħa tal-lemin tagħha għex il-bqija ta' ħajtu sa ma miet ta' qaddis".[17] U dan minkejja li De Soldanis (1712 - 1770) jistqarr li ma nafux min kien, għalkemm ix-xjuħ tagħna jgħidu li San Kurradu. U żgur li kien ruħ qaddisa, hekk li t-trab mill-qabar tiegħu mħallat ma' l-ilma għandu l-qawwa li jfejjaq.[18]

Ta' min isemmi li f'dan is-Santwarju jissemmew żewġ eremiti oħra. Giacomo Romano li jsemmih Manwel Magri u jgħid li ġie Għawdex fis-sena 990 meta kien fi triqtu lura minn Ġerusalem, u miet ħdejn is-Santwarju meta kellu 35 sena[19] u l-ieħor Fra Antonio di San Carlo, li għex għal ħames xhur fis-sagristija tas-santwarju, li jsemmih De Soldanis.[20]

## Fejn kien hemm aktar eremiti?

Ma narawx x'raġuni jista' jkun hemm, biex wieħed jeskludi l-eżistenza ta' eremiti li għexu fil-gżejjer tagħna, hekk qrib ta' Sqallija, fejn din ix-xorta ta' ħajja kienet hekk imferrxa u komuni. Minn dak li nafu bih sa issa, ma nistgħu ngħidu xejn bi preċiż, u kif rajna, l-leġġendi bikrin waslu għandna miktubin f'nofs is-seklu XVII. Ħjiel ieħor dokumentat sa mis-seklu XIV insibuh fl-ismijiet ta' diversi lokalitajiet li jġiegħluk taħseb li seta' kien xi forma ta' ħajja eremitika, mhux bilfors solitarja ta' bniedem wieħed, għax jista' jkun li, bħalma ġara fi Sqallija, kienu jinġabru f'post imwarrab aktar minn persuna waħda. Dawn min-nofs is-seklu XVI sa kellhom jintrabtu li jħarsu xi waħda mir-Regola approvati għat-Terz'Ordni.[21] U hekk ġara. Il-biċċa l-kbira għażlu dik Franġiskana.



*Dehra oħra tal-Kappella ta' San Pawl l-Ewwel Eremita ftit qabel ma' ġiet restawrata fl-1992. (ritratt: Ruben Chetcuti)*

Iżda għandna noqogħdu attenti li ismijiet bħal *Raħeb* u *Dejr*, ma ngħaġġlux u ngħidu li jfissru patri u kunvent. Għandna l-postijiet magħrufin bħala l-*Andar tar-Raħeb*, fl-inħawi tal-Fiddien, il-*Bajjada tar-Raħeb* fin-naħa tal-Imrieħel, *Bir ir-Riebu*, aktarx *Bir ir-Raħeb*, fir-Rabat,[22] *Ras ir-Raħeb*, fl-inħawi ta' Fomm ir-Riħ u *Wied ir-Raħeb*, fl-inħawi ta' Kap San Dimitri.[23]

Il-kelma *Dejr* li G. Wettinger jittraduċiha bl-Ingliż *monastery-like building*[24] u E. Serracino-Inglott, fosthom *Dar kbira ta' xi kap; palazz; dar fejn joqogħdu n-nies ta' xi familja kbira; ospizju,*

*kunvent; monasteru.*[25] G. Wettinger jagħti lista ta' lokalitajiet bl-isem ta' *Dejr*: *Tad-Dejr,* fit-tramuntana ta' l-Imdina u fil-punent ta' l-Imtarfa; *Dejr il-Baqar*, fl-inħawi tal-Girgenti; *Dejr il-Bniet*, f'Wied Liemu lejn it-tramuntana ta' Ħad-Dingli; *Dejr il-Busbies*, ma nafux sew fejn, forsi f'Wied Busbies (fil-punent ta' Ħal Qormi); *Dejr Deru*, ma nafux fejn jaħbat; *Dejr Ħandul*, fit-tramuntana tar-Rabat; *Dejr il-Ħmir,* ma nafux preċiż fejn hu; *Dejr l-Imara* jew *Dejr Limara,* f'ras il-bajja ta' Marsaxlokk; *Dejr Magħluq*, qrib San Ġorġ ta' Marsaxlokk; *Dejr is-Sajf*, ġonna qrib Santa Marija ta' Xewxa fl-inħawi tal-Buskett - Tabrija; *Dejr Safsaf*, ma nafux fejn hu; *Dejr iż-Żara,*[26] li jingħad li hu ħdejn il-knisja ta' Sant'Anjeże, knisja rurali fl-inħawi tar-Rabat.[27]

Xi drabi dawn l-ismijiet jistgħu jfissru li dik l-art kienet propjeta` ta' xi monasteru jew kunvent milli għandna sa llum. B'danakollu wħud minnhom jissemmew f'dokumenti ta' qabel ma dawn ġew Malta: *Dejr il-Baqar* (1399); *Dejr il-Bniet* (1351); *Dejr Ħandul* (1361).[28] Studju fuq hekk għad irid isir. L-istess irid isir studju ta' min kien jgħammar qrib dawk l-għerien mibdulin fi knejjes.[29] Mhux ta' min iwarrab il-ħsieb li hemm għammru wkoll erwieħ kontemplattivi. L-istess ngħidu għall-postijiet oħra bħal Ras ir-Raħeb, li M. Buhagiar bl-Ingliż jagħmilha: *Headland of the Hermit*, u jżid: *that the site had some religious significance in the late Middle Ages*.[30]

## L-*eremo* ta' Santa Venera

Abela, f'*Della Descrittione di Malta*, ma jsemmi xejn. Patri Pelaġju (1708 - 1781) jgħid li xi rġiel sewwa, bil-permess tas-superjuri, riedu jgħixu ħajja eremitika taħt id-direzzjoni ta' ċertu Patri Ġakkin Sfrezza f'eremitaġġ mibni u mniffed mal-knisja rurali ta' Santa Venera, fil-limiti tal-kolleġġjata ta' Birkirkara.[31] Ferres iżid li dan l-eremo beda fi żmien l-Isqof Alpheran fl-1742, u li l-kunjom ta' P. Ġakkin kien Vivas, Romito di San Calogero.[32] Żgur li ma damx wisq, għax fit-23 ta' Mejju 1764, il-Prepostu D. Giacomo Bertis tal-kolleġġjata ta' Birkirkara, kien lest li jċedi l-*eremo* lilna l-Franġiskani, biex hekk jiżdied it-tielet kunvent u ssir il-firda mill-Provinċja Franġiskana ta' Sqallija, u l-kunventi Maltin isiru Kustudja Provinċjali għalihom.[33]

San Calogero, qaddis eremita magħruf ħafna fi Sqallija, kellu fl-inħawi tal-Għargħur, knisja msemmija għalih, kif jirriżulta mill-Vista Apostolika ta' Mons. Dusina (1575).[34] Illum kwadru sabiħ tal-qaddis jinsab fis-sagristija tal-knisja l-antika ta' Santa Venera.

Din hija biss ħarsa orjentattiva. Nifhmu li hemm aktar x'wieħed jgħid ħalli naslu nagħtu tweġiba dwar l-eżistenza f'pajjiżna ta' dawn l-erwieħ kontemplattivi, li mhux impossibbli li għammru fl-għerien jew griebeġ qrib il-knejjes imwarrbin tagħna.

## *Noti:*

1. "La Sicilia - isola, eremita per natura, con tali presenze celebrative, diviene ascetica per grazia e si costella di un centinaio di eremitaggi di primaria importanza, per non dire di tanti innumerevoli luoghi di accoglienza anacoretica, tutti ambiti di riferimento nei quali si evangelizza, si consiglia, si prega, si converte, ottenendone cose meravigliose (miracoli) a guardarsi e a viverle". VINCENZO LO PICCOLO, *Eremi ed eremiti di Sicilia, Palermo* 1995, p.7.
2. *Annales Minorum seu Trium Ordinum a S. Francisco institutorum, ad annum 1315, nn.XX - XXIII; ad annum 1351, n. XXII - XXXVII.*
3. *Vita B. Conradi legendae duae Mss.*
4. T. FASELLUS, *De Rebus Siculis*, Catanae MDCCXLIX; F. MAUROLICUS, *Sicanicarum rerum compendium*, Messina 1562.
5. *Leggendario Francescano* ovvero Istorie de Santi, Beati, Venerabili ... raccolto ... dal Padre F. BENEDETTO MAZZARA ... e in questa terza Impressione piu` corretto, per l'aggiunta di nuove Vite ridotto in dodici tomi dal Padre PIETR'ANTONIO DI VENEZIA ... Tomo Secondo ... In Venezia, MDCCXXI, pp. 296-304.
6. Mss. A 2, I-IV; *Chronica seu Legendarium Frangiscanum, in quo omnium Sanctorum* ... describuntur ex lingua Italica in linguam Arabicam ... ab Adm. R.P. ARCANGELO ZAMMIT de Observantia S.P. Francisci Provinciae Pater, ac Missionario pro Terra Sancta Guardianoque in Aleppo, Editio Prima anno MDCCVIII.
7. *Giardino Serafico* Istorico fecondo di fiori e frutti di Virtu` ... nelli Tre Ordini instituti dal Gran Patriarca de Poveri S. Francesco ... Aperto in due Tomi ... dal P. PIETR'ANTONIO DI VENEZIA ... In Venezia MDCCX. "S. Corrado Confessore per i cui meriti opero` il Signore stupendi, e meravigliosi prodigi. Mori` in Piacenza sua Patria l'anno 1351 e fu` canonizzato da Leone X. La sua Festa si celebra il 19 di Febraro", ibidem,vol. I, p. 298. Ta' min jinnota l-iżball tal-post fejn miet. Miet Noto qrib Sirakuża fi Sqallija u mhux fi Piacenza.
8. Meħuda mill-*Leggendario Francescano*, op.cit., ibidem. Ir-rakkont jagħlaq b'dan il-kumment: "Fu` San Corrado d'alta statura, di bellissimo aspetto, di leggiarda disposizione, d'animo intrepido, generoso nel procedere esterno, di parlar grave, e fecondo". Deskrizzjoni li ħadha mill-WADDING. *loco.cit.*
9. E.B. VELLA, fil-ktieb tiegħu, *Storja tal-Mosta bil-Knisja tagħha*, Malta 1930, Żjieda I, Il-Għar ta' Wied il-Għasel u San Korradu, pp.198-203, jiġbor f'daqqa dak li qalu l-kittieba tagħna.
10. "Nella Valle di Ved ed Aesel ... luogo veramente assai proportionato alla vita solitaria onde quivi sono stati in diversi tempi alcuni servi di Dio per tal fine, con singolare edificatione, et essempio di queste genti, e fra gl'altri uno ne gl'ultimi antepassati secoli visse con fama di Santita` ... *Della Descittione di Malta*, Malta 1647, Libro Terzo, Notitia IV, p. 373-374.
11. *Ibidem*, p. 373.
12. *Malta Illustrata*, ... del Commendatore F. GIOVANFRANCESCO ABELA ... corretta, accresciuta, e continuata ... Libro Primo e Secondo, Malta MDCCLXXII, Libro I, Notitia VII, pp. 245-246.

13. *Almae Siciliensis Provinciae Ordinis Minorum Conventualium S. Francisci. Manifestationes Novissimae, sex Explorationibus Complexae* ... Venetiis, MDCXLIV, p. 158.
14. ID, *ibid. Roman ad sacras visendas aedes persolvat, in Siciliam ignotus traijcit, et Naetum adit.*
15. *Archivio Segreto Vaticano*, S.C. Visita Apostolica, Vol. 39, f. 38v.
16. Fost l-oħrajn insibuha fost il-ġabra ta' ALDO FARINI, *Fiabe, Tradizioni e Leggende maltesi*, Vol. I, Malta 1934, pp. 225-234.
17. ANTON BUTTIGIEG, *Ġrajjiet il-Qala*, 1980, pp. 18-19, fejn jirreferi għal MANWEL GALEA, *Tifsir tal-Misteri tar-Reliġjon tagħna*, Malta 1892, pp. 281-282.
18. "anonimo Romita nostro concittadino ... Li nostri maggiori vogliono che sia S. Corrado Siciliano ch'abbia soggiornato in questa chiesa", ara *Gozo Antico e Moderno*, Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta, Lib. Ms. 145A, ff. 187r - 187v.
19. *Santa Marija tal-Qala*, Malta 1905, p. 42, ċitat minn BUTTIGIEG, ara nota 17.
20. Dan għex fl-istess żmien ta' De Soldanis. "Romita ... vestito col sacco dell-Ordine di S. Antonio Abate ... da Alicante giunse Malta, indi in Lampedusa ... dalla Lampedusa venne al Gozo ed in questo nobile Santuario vi resto` cinque mesi", *Ibidem*, ff. 188r - 188v.
21. Ara l-*Breve* ta' Papa Ġulju III fl-1550, in L. MARIANI, *San Benedetto da Palermo, il moro etiope nato a S. Fratello,* (Palermo 1989) 2 ed. pp. 181-183.
22. Ara G. WETTINGER, *Early Maltese and Gozitan Placenames*, in *Civilization* (off print), pp. 14,20,48.
23. E. SERRACINO-INGLOTT, *Il-Miklem Malti*, Vol. 7, (Malta 1981), p. 274.
24. G. WETTINGER, *ibid.* pp. 90-92.
25. *Op. cit.*, Vol. II. Malta 1975, p. 41.
26. G. WETTINGER, *loco cit.*
27. "... contrata Deir Jzara prope ecclesiam Sancte Agnetis", in *Atti Giacomo Zabbara,* ara S. Fiorini (ed.) *Documentary Sources of Maltese History*, Part I, n. 1, (Malta 1996), n. 321, p. 318.
28. G. WETTINGER, *loco cit.*, ara wkoll H. BRESC, *The "Secrezia" and the Royal Patrimony in Malta: 1240 - 1245*, in *Medieval Malta*, (ed.) A. Luttrell, (London 1975), p. 152.
29. Interessanti l-istudju ta' M. BUHAGIAR, *Medieval Churches in Malta*, in *Medieval Malta, cit.,* pp. 163-180, ID, *Mediterranean Architecture: Medieval Cave Dwellings and Rock-cut Churches in Malta*, in *Atrium* (Malta 1984) 3.
30. *Two Archaeological Sites - Ras ir-Raħeb, Malta, and Ras il-Wardija, Gozo*, in *Malta Historica X*, I (1988) 69-87.
31. Bibljoteka Nazzjonali Malta, *Lib. Ms.* 751, p. 133: "Superioribus annis fervore devotionis aliqui probatae vitae homines succensi sub directione Patris Joachim Sfrezza Dei servitio sese dederunt Eremiticam vitam Superiorum permissu profitenses in Eremo aedificato, et communicato Ven. Ecclesiae Rurali sub titulo Sanctae Venerae erectae (...) in regione a Sancto Joseph denominata in limitibus Insignis Collegiatae et Parrochialis Ecclesiae Terrae Birchircarae..."
32. *Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta 1888, p. 76.
33. *Atti Nutar Ignazio Saverio Bonavita*. Ara G. XERRI, *Il Riepilogo di una lunga vertenza ossia il Primo Centenario della Erezione della Custodia dei Frati Minori di Malta*, Malta 1939, pp. 13-14.
34. ASV, *Ms. cit.* f. 167v.

**L'ISLE ADAM**
**BAND CLUB - RABAT**

IL-BARMEN CHARLIE (TA' FUTTI)
U KARMENU
JOFFRU XORB ĠENWIN
U APPETIZERS KULJUM

JAWGURAW IL-FESTA T-TAJBA
LILL-MOSTIN KOLLHA